**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Lorraine Ferriggi**

**Illum 21 ta' Dicembru, 2020**

**Kumpilazzjoni numru 757/2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Lorraine Ferriggi** detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 66884M billi hija akkuzata talli fis-17 t'Awwissu 2017 u fil-jiem ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1) Uzat computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex dahlet f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor jew uzat, ikkoppjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk.

2) U aktar talli ikkoppjat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm.

3) U aktar talli hadet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamlet uzu minnhom.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni kif wkoll id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 122*) datata 2 ta' Settembru 2019 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 337B, 337C(1)(a)(c)(f)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2019 (*a fol. 128)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-2 ta' Settembru 2019 u fl-istess seduta l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile prezentata fit-tlettax (13) ta' Novembru 2020 u n-nota tardiva tad-difiza prezentata fis-sittax (16) ta' Dicembru 2020.

Rat l-verbal tas-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru 2020 fejn is-sentenza thalliet illum ghas-sentenza.

- ***<u>Sintezi tal-Provi Migbura</u>***

**<u>L-Ispettur Melvyn Camilleri</u>** (Fol. 22 *et seq*) xehed li huwa rcieva kwerela minghand Dr David Farrugia Sacco ghan-nom ta' Amri Mohammed sabiex tigi investigata Lorraine Ferriggi li kienet impjegata mal-kumpanija Fast Track Logistics Company Limited tal-istess Amri Mohammed. Din il-kumpanija hija involuta fit-taghlim tas-sewqan. Fil-kwerela gie allegat li Ferriggi kienet ikkuppjat xi data minn fuq id-database tal-kumpanija, liema database hija kellha access ghaliha. L-Ispettur spjega li huwa ghadda din il-kwerela lis-Surgent WPS7 Therese Farrugia sabiex tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha b'rabta ma' dan il-kaz.

**<u>Mohammed Amri</u>** (Fol. 25 et seq) xehed li huwa ghandu skola tas-sewqan bl-isem Fast Track Driving Tuition. Lorraine Ferriggi kienet wahda mill-instructors tal-iskola u kienet damet tahdem mal-iskola ghal xi sitta jew seba' snin. Spjega li l-iskola ghandha sistema fejn kull min imur biex jitghallem, l-iskola tigbor id-data ta' kull student u imbaghad din

tiddahhal fis-sistema kompjuterizzata tal-iskola. Din l-informazzjoni imbaghad tkun accessibbli ghall-instructors kollha tal-iskola.

Gurnata minnhom l-imputata qabdet u irritornat lura l-vettura tal-iskola u infurmat lill-iskola li hija ma kinitx sejra aktar ghax-xoghol. Dan ghamlitu permezz ta' missierha. Hija rritornat wkoll l-affarijiet kollha tal-iskola kif wkoll hallset l-ammonti li kienu dovuti lilha lill-iskola.

Ix-xhud kompla jghid li kienet ghadha mank ghaddiet gimgha minn meta telqet, li ma bediex jara lil Lorraine Ferriggi fit-triq b'karozza personali taghha u skola tas-sewqan taghha. Sostna li Ferriggi kienet qabdet il-klijenti li kienu tal-iskola u hadithom hi. Ix-xhud spjega li kull instructor kellu tablet provdut mill-iskola li minnu seta' jaccedi ghad-data tal-klijenti. Huwa allega li Ferriggi kienet nizlet din id-data tal-istudenti mill-kompjuters tal-iskola.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju 2019, Amri Mohammed ipprezenta numru ta' dokumenti li juru meta Lorraine Ferriggi dahlet fis-sistema ghax-xahar ta' Awissu 2017. Ferriggi kienet abbandunat il-post tax-xoghol taghha u kienet baqghet tidhol fis-sistema sas-dsatax (19) ta' Awissu 2017.

**<u>In kontro-ezami</u>** Amri gie muri l-kuntratt tax-xoghol li kellha Lorraine Ferriggi mal-kumpanija u ikkonfermah. Hija kienet service provider mal-kumpanija u kienet thallas lill-kumpanija somma fissa ta' tmien mitt ewro (€ 800) fix-xahar talli hija tuza l-isem u l-affarijiet tal-kumpanija biex taghti l-lezzjonijiet lill-istudenti tal-iskola. Hu ikkonferma li l-iskola ghandha

sistema digitali li tinkludi fost ohrajn id-dettalji tal-istudenti li jkunu jattendu l-iskola. Lorraine Ferrigi kellha l-account taghha u dan kien accessibbli minnha biss. Hija kienet inghatat l-login u l-password mill-kumpanija tal-IT ingaggati minn Amri.

Mistoqsi x'uzu hazin ghamlet mis-sistema Ferriggi ghaliex fil-Qorti ma kienet ġiet prezentata l-ebda sistema, ix-xhud ghamel riferenza ghar-rapport prezentat minnu fil-Qorti minn fejn irrizulta li Ferriggi kienet dahlet fis-sistema wara li kienet telqet mix-xoghol. Skont ix-xhud, Ferriggi kienet dahlet fis-sistema sa tlett ijiem wara li hija kienet telqet lill-kumpanija.

B'riferenza ghall-formoli prezentati rigward il-bdil fl-iskola tas-sewqan, ix-xhud wiegeb li t-talba ghall-bdil mill-iskola saret direttament mill-istudenti. Dawn id-dokumenti Amri kien rcieva kopja taghhom direttament minghand Transport Malta wara li Ferriggi ma baqghetx aktar instructor mal-iskola tiegħu. Ikkonferma li dawn id-dokumenti ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-sistema kompjuterizzata tal-ufficju tieghu.

**<u>WPS7 Theresa Farrugia</u>** xehdet li fil-hmistax (15) ta' Mejju 2018 giet mghoddija kwerela mibghuta minn Dr David Farrugia Sacco ghan-nom tal-klijent tieghu Amri Mohamed sabiex jinhargu akkuzi fil-konfront ta' Lorraine Ferriggi, eks impjegata tal-kumpanija, abbazi tal-artikoli 337C(a), (c) u (f) tal-Kap. 9 rigward uzu ta' data u computer minghajr awtorizzazzjoni. Ix-xhud kellmet lil Amri Mohammed fejn dan spjegalha kif tahdem l-iskola tas-sewqan tieghu. Qal li l-imputata Lorraine Ferriggi kienet tahdem mal-kumpanija tieghu fuq bazi ta' self-employed. Hija

kienet ilha tahdem mal-kumpanija ghal xi seba' snin. Darba fost l-ohrajn missier Lorraine Ferriggi mar l-iskola fejn huwa irritorna l-vettura tal-iskola kif wkoll l-affarijiet relatati mal-iskola. Missier Lorraine informa wkoll lil Amri li Lorraine ma kinitx sejra aktar ghax-xoghol. Ix-xhud kompliet tghid li Amri kompla jghidilha li ftit wara li Ferriggi telqet, l-iskola tieghu bdiet tircievi formoli minghand Transport Malta fejn fihom kienet qed tigi infurmata li klijenti li qabel kienu tal-iskola kienu qeghdin ibiddlu l-iskola u jmorru ma' Lorraine Ferriggi. Amri qal li Lorraine seta' kellha access ghad-data tal-kumpanija u li sakemm waqfulha l-access x'aktarx li hija kienet hadet id-dettalji tal-klijenti minn fuq il-website tal-kumpanija.

Is-Surgent tkellmet wkoll mal-imputata wara li l-istess imputata giet moghtija d-drittijiet legali kollha taghha. Lorraine stqarret max-xhud li hija ma kienet hadet l-ebda data jew informazzjoni minghand il-kumpanija. Hija spjegat li n-numri tal-mobiles tal-istudenti taghha kienu issavjati fuq il-mobile personali taghha. Ferriggi kompliet tghid li meta hija bdiet tahseb biextitlaq mill-iskola, hija kienet infurmat lill-istudenti taghha u tathom l-ghazla li jew jibqghu mal-kumpanija jew inkella jaghmlu transfer of school u jmorru mal-iskola taghha. Din l-ghazla saret mill-istudenti b'mod volontarju. L-istudenti li kienu marru mal-iskola taghha kienu imlew il-formoli biex jinfurmaw lil Transport Malta li kienu sejrin jibdlu l-iskola tas-sewqan. Id-dettalji personali kienu jimlewhom l-istudenti stess.

**<u>Joseph Saliba</u>** (Fol 119)ipprezenta kopja tal-employment history tal-imputata.

L-imputata **<u>Lorraine Ferriggi</u>** (Fol. 154 *et seq*) xehdet li hija kienet tahdem bhala self-employed mal-kumpanija ta' Amri Mohammed. Hija kienet thallsu tmien mitt ewro (€ 800) fix-xahar talli tuza l-karozza u l-isem tal-iskola. Il-kuntatt mal-istudenti kien isir jew bil-fomm jew inkella billi student jghid lil iehor jew inkella billi Amri jipprovdi studenti hu direttament. Irrispettivament minn kif kienu jaslu l-istudenti ghandha, ir-relazzjoni kienet tkun diretta bejn l-imputata bhala l-instructor u l-istudent. L-istudent kien imbaghad jghaddi l-informazzjoni personali tieghu direttament lill-imputata.

B'riferenza ghas-sistema kompjuterizzata tal-iskola, l-imputata spjegat li Amri kien ghadda tablet fejn hija kienet idahhal l-isem tal-istudenti u l-granet u l-hinijiet tal-lezzjonijiet. Dan biex ikun hemm record tad-dettalji dwar il-lezzjonijiet. Sostniet li bhala fatt in-numru ta' studenti ma kienx sejjer jaghmel differenza ghall-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

Ferriggi kompliet tispjega li hija baqghet tahdem mal-kumpanija sa Awissu 2017. Hija ikkonfermat li kienet baghtet lil missierha bil-vettura u bl-affarijiet kollha tal-iskola ghax riedet tevita xenati ma' Amri. Hija kienet anke halliet l-flus li kienu dovuti lilu.

Rigward l-istudenti li hija kienet qeghda tghallem, hija tathom zewg ghazliet: jew li jibqghu mal-kumpanija ta' Amri jew li inkella jmorru maghha u tkompli tharrighom hi. Il-bicca l-kbira tal-istudenti ghazlu li jkomplu ma' Ferriggi. Eventwalment dawn l-istudenti ghamlu *c-change of motoring school*. Dan billi imlew il-formola apposita u kitbu d-dettalji

taghhom u iffirmaw l-istess formola. Dawn il-formoli ma gewx kompilati billi wiehed dahal f'xi sistema kompjuterizzata.

Mistoqsija rigward il-fatt jekk hi accedietx ghas-sistema wara li kienet waqfet tahdem, ix-xhud wiegbet li hi ma tiftakarx x'ghamlet. Taf biss li darba minnhom cemplitilha l-mara ta' Amri u talbitha l-password li kienet tuza Ferriggi.

**In kontro-ezami** Ferriggi sostniet li bejn wiehed u iehor kien hemm hamsin (50) student li iddecidew li jkomplu jahdmu maghha bhala instructor. Hija ikkonfermat li qabel ma telqet lill-istudenti kienet tathom zewg ghazliet: jew li jibqghu maghha jew li inkella jkomplu mal-iskola ta' Amri b'instructor differenti. Din l-ghazla l-imputata tathielhom bil-fomm.

Mistoqsija kif kellha l-kuntatti tal-istudenti, ix-xhud wiegbet li kull student kien jipprovdilha l-mobile number tieghu. L-iskola kellha sistema kompjuterizzata izda hija kienet idahhal wkoll in-numri fil-mobile taghha. Ix-xhud ikkonfermat li kellha access ghas-sistema digitali tal-iskola u li kienet tidhol medja ta' bejn darba u tlett darbiet fil-gimgha. Hija sostniet li ma tiftakarx li kienet ippruvat tidhol fis-sistema wara li telqet minn ma' Amri. Cahdet wkoll li hija nizzlet xi dettalji personali minn fuq is-sistema digitali. Dan ghaliex kellha l-informazzjoni kollha fuq il-mobile taghha, liema informazzjoni kienet tikkonsisti fl-isem, il-kunjom u l-mobile number ta' kull student li kella. Fuq mistoqsija tal-Qorti ghalfejn kienet ghamlet kuntatt mal-istudenti hi u mhux sid l-iskola, l-imputata wiegbet li hija kienet se titlaq.

**<u>In ri-ezami</u>**, ix-xhud spjegat li student kien ikollu bzonn bejn hamsa u tletin u erbghin siegha lezzjoni biex ikun jista' jitla' ghat-test. Dawn is-sighat kollha ta' lezzjonijiet kien jaghmilhom mal-istess instructor. Rari hafna li student kien jibda ma' instuctor u jispicca ma' iehor. L-istudenti li komplew mal-imputata xtaqu li jispiccaw maghha ghaliex hassewhom komdi jkomplu maghha u itellaghhom ghat-test hi.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn ezami tal-atti processwali din il-Qorti siltet is-segwenti fatti tal-kaz:

L-imputata kienet toffri s-servizzi taghha lill-kumpanija tal-parte civile Amri Mohammed. Hija damet toffri dawn is-servizzi ghal aktar minn seba' snin. Gara li hija iddecidiet li titlaq u ghalhekk infurmat lil Amri – dan tramite missierha – li hija kienet hadet din id-decizjoni u irritornat lura l-affarijiet kollha tal-iskola. Wara li telqet numru ta' studenti li kienu qegħdin jieħdu l-lezzjonijiet maghha, bdew jinfurmaw lil Amri Mohammed li huma ma kinux sejrin jibqghu aktar mal-iskola tieghu izda i kienu sejrin jaqbilbu ghal mal-iskola tal-imputata. Dan billi imwlew il-formoli tac-change of motoring school ta' Transport Malta, li kopja taghhom intbaghtu lill-iskola tal-parte civile.

Meta Amri gie konxju b'dan huwa ha parir legali u intavola kwerela mal-Pulizija Ezekuttiva sabiex l-imputata tigi investigata dwar il-fatt li hija setgħet għamlet uzu ta' data u kompjuter minghajr awtorizzazzjoni. Il-

parte civile isostni li l-imputata accediet ghad-data tal-kumpanija wara li din kienet abbandunat l-impjieg taghha u ħadet l-informazzjoni tal-istudenti minn din id-database tal-kumpanija. Min-naħa tagħha l-imputata tichad dan u issostni li hija kellha l-informazzjoni kollha mizmuma fil-mobile taghha.

**Ikkunsidrat:**

- <u>**Kunsiderazzjonijiet ta' Natura Legali**</u>

La darba qeghdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad

ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*": "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

- **<u>L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata</u>**

L-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija fl-imputata abbazi tal-artikoli 337C(1)(a) (c) (f). L-artikoli l-oħra citati fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju mhumiex qegħdin joħolqu reati oħra izda jirreferu biss jew għall-definizzjonijiet jew dwar kif għandhom jiġu kalibrati l-pieni.

Is-sub-incizi tal-artikolu 337C indikati mill-Avukat Ġenerali jistablixxu li:

*"Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu:*

*(a) tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f' xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;*

.....

*(ċ) tikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta'appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;*

....

*(f) tieħu pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom;"*

Ezami dettaljat tal-artikolu 337C sar mil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leeroy Balzan**[1]:

*"Issa s-sub-titolu V ghat-Titolu IX tal-Kodici Kriminali ……. li giet immodellata fuq il-Computers Misuse Act 1990 ta'l-*

[1] Deciza fis-26 ta' Ottubru 2017 – Appell Numru 124/2017.

*Ingilterra. Issa din il-ligi kellha l-ghan li tirregola tlett tipi ta' reati u cioe':*

1. *L-access mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter.*
2. *L-access mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jigi facilitat l-kummissjoni ta' reati ohra.*
3. *It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat.*

*Illi dan ifisser illi l-ghan tal-ligi kienet wahda u cioe' li tissanzjona kull access mhux awtorizzat ta' materjal/data li jinsab/tinsab mahzun/a f'sistema komputerizzata. ……*

*Illi l-access mhux awtorizzat gie spjegat mill-awturi inglizi hekk:*

*"Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled." Blackstone fil-ktieb tieghu intitolat Criminal Practice jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti: "Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any person who is so entitled"*

*Infatti fil-ktieb intitolat Computer Law ippublikat minn Reed u Angel b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk: "First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."*[2]

.....

*Illi l-element formali tar-reat, mid-dicitura tal-ligi, tidher illi hija l-intenzjoni illi l-awtur tar-reat jaghti informazzjoni sabiex persuna taccedi ghal xi sistema komputerizzata u tikseb informazzjoni b'mod klandestin u allura meta ma ghandhiex il-permess ufficjali jew approvazzjoni u kunsens tikseb access ghal dina l-informazzjoni, ......*

*Illi din tidher illi hija l-interpretazzjoni li inghatat ukoll mill-qrati inglizi f'dawk il-kawzi li jkunu jitrattaw dak li huma isejjhu bhala "insider unauthorised use of authorised access" fejn allura gie deciz illi jkun hemm il-htija meta il-pulizija li jikseb dak l-access jaghmlu sabiex jottjeni informazzjoni ufficjali u kunfidenzjali ghal korp ghall-uzu jew skopijiet personali tieghu u cioe' meta jkun hemm l-uzu hazin tal-*

[2] Il-**Pulizija (Spettur Anna Marie Micallef) vs Jeanelle Grima** - deciza fid-dsatax (19) ta' Lulju 2016

*informazzjoni mahzuna fil-kompjuter u mhux meta l-uzu jkun wiehed legittimu bhal f'dan il-kaz.*[3]

*Illi l-Blackstone ighid hekk fuq l-intenzjoni mehtiega fir-reati ta' uzu hazin ta' kompjuter:*

*"There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the intent to secure access to any program or data held in any computer. …. Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs."*[4]

Mhux kontestat li l-imputata Lorraine Ferriggi kellha access ghas-sistema digitali tal-iskola u li kienet inghatat awtorizzazzjoni biex taghmel uzu minnha fil-bidu li hija bdiet toffri s-servizzi taghha lill-kumpanija. Li ghalhekk ried jigi pruvat mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile huwa dak li l-Qrati Inglizi jikkunsidraw bhala *"insider unauthorised use of authorised access"* u cioe li l-imputata konxjament uzat l-access li kellha sabiex tottjeni informazzjoni dwar studenti li kienu qegħdin jattendu l-iskola u li tali access sar għall-skopijiet li kienu jmorru lil hinn mid-doveri li hija kellha fi ħdan l-istess skola. Din il-Qorti tqis li tali prova ma saritx b'mod adegwat u din il-Qorti ma tistax tasal ghal dak il-konvinciment rikjest sabiex issib htija fl-

[3] Ara decizjonijiet **DPP vs Bingell** u **DPP vs Allison**
[4] Criminal Practice B17.6

imputata ghar-reat ta' uzu mhux awtorizzat tas-sistema tal-compjuter appartenenti lill-parte civile. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile assumew li la darba ħafna mill-istudenti li kienu tal-imputata telqu mill-iskola tal-parte civile u marru mal-iskola tas-sewqan tal-imputata allura bil-fors kien ifisser li l-imputata kien accessat is-sistema digitali tal-iskola u ħadet l-informazzjoni dwar l-istudenti minn din is-sistema diġitali. Din l-assunzjoni pero assolutament mhix sufficjenti biex tinstab ħtija għal reati li huma teknici u li definittivament jirrkjedu azzjoni teknika permezz ta' sistema kompjuterizzata biex jiġu attwati. L-unika prova li tressqet mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile f'dan ir-rigward huma print outs minn log ta' sistema kompjuterizzata li gew prezentati fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju 2019 minn Amri Mohammed. Dawn il-logs allegatament juru access tas-sistema da parti tal-imputata wara li hija ma baqghetx toffri s-servizzi tagħha lill-iskola. Ibda biex ma ingabet l-ebda prova li dawn verament huma tas-sistema ta' Amri Mohammed. Kullma hemm huma d-dikjarazzjonijiet tal-istess Amri. Pero kif jixhed Amri in kontro-ezami tieghu, dawn il-print outs ma harighomx hu izda gew mghoddija lilu minn terzi, precizament rapprezentanti tal-kumpanija tal-IT li jieħdu ħsieb is-sistema tal-IT tal-iskola.[5] Għalhekk dawn id-dokumenti ma jistgħux jitqies li huma l-aħjar prova li setgħet tinġab mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile. Ir-rapprezentanti tal-kumpanija tal-IT baqghu qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri biex

[5] Fol. 139 et seq tal-process.

jikkonfermaw il-veracita ta' dawn id-dokumenti kif wkoll sabiex jispjegaw l-informazzjoni kontenuta fl-istess. Allura din il-Qorti hija sprovvista minn kull informazzjoni dwar kif ġiet estrapolata l-informazzjoni mis-sistema digitali tal-iskola. Lanqas ma inghatat spjegazzjoni teknika dwar kif il-code numru erbghin (40) kien abbinat mal-imputata hekk kif allegat mill-parte civile;

(b) Ma tressqet l-ebda prova teknika dwar kif sar dan l-allegat access da parti tal-imputata u bl-liema mezz sar. Kien krucjali li ssir din il-prova dwar kif sar dan l-access u l-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma setghux "jassumu" li kien hemm dan l-access ghax sempliciment il-parte civile innota li studenti li qabel kienu tal-iskola marru mal-iskola tal-imputata u l-parte civile rcieva l-formoli tac-change in motoring school! Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile jkomplu jinsistu li anke sar access tas-sistema **wara** li l-imputata halliet il-kumpanija u li għalhekk tali access ma setax kien awtorizzat għaliex zgur ma sarx in konnessjoni max-xogħol tal-kumpanija. Jkomplu jisħqu li dan bil-fors sar biex tittieħed l-informazzjoni tal-istudenti. Dawn l-argumenti huma għal kollox irrilevanti għal kaz odjern. L-access li qiegħed jingħad li kien hemm mill-imputata wara li temmet is-servizzi tagħha lill-kumpanija tal-parte civile ma jistax jiġi kunsidrat minn din il-Qorti anke għaliex ir-riferenza fl-akkuzi hija ghad-**data tas-sbatax (17) ta' Awissu 2017 u fil-jiem ta' qabel**. Il-parte civile stess jistqarr li l-imputat temmet is-servizzi tagħha fis-sbatax (17) ta' Awissu 2017 u din il-Qorti – anke jekk trid – ma tistax tqis dak li seta' ġara wara, jekk tabilħaqq ġara.

(c) L-imputata xehdet li hija kienet anke tat il-login u l-password lill-mart il-parte civile fuq talba tagħha stess. Dan ma giex michud mill-parte civile u mill-Prosekuzzjoni, lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess parte civile. Ghalhekk ma jistax jigi eskluz li mart il-parte civile jew persuni ohra inkarigati minnha fosthom il-kumpanija li kienet tiehu hsieb is-sistema diġitali setghu accessaw is-sistema bl-uzu tal-login u l-password tal-imputata;[6]

(d) L-imputata ikkonfermat wkoll li hija kellha d-dettalji personali tal-istudenti kollha taghha ghaliex kienet izommhom kollha fil-mobile taghha. Dawn id-dettalji kienu jinkludu l-isem u l-kunjom u n-numru tat-telefon cellulari ta' kull student. Dan ghalhekk wkoll iqajjem dubju dwar jekk kienx hemm xi necessita biex l-imputata tikseb din l-informazzjoni billi taccessa s-sistema digitali tal-kumpanija fejn hija kienet izzomm din l-informazzjoni. Din il-Qorti ma tarax li għandha tiddubbita l-veracita tad-dikjarazzjoni tal-imputata għaliex din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' lill-imputata tixhed quddiemha u setgħet tinnota l-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda. In oltre il-verzjoni tal-imputata kienet u baqgħet dejjem waħda konsistenti sia meta hija tat l-verzjoni oriġinali tagħha lill-Pulizija sia wkoll meta xehdet quddiem din il-Qorti;

[6] Fol. 159 tal-process.

(e) Minghajr ma din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni dwar jekk kienx professjonalment etiku da parti tal-imputata li hija tinforma lill-istudenti taghha li hija kienet sejra titlaq mill-iskola tal-parte civile u li taghtihom l-ghazla dwar jekk jibqghux mal-iskola fejn kienu jew jmorrux mal-iskola taghha, jibqa' l-fatt li jidher li kien hemm komunikazzjoni bejn l-imputata u l-istudenti taghha **qabel** ma l-imputata temmet toffri s-servizzi taghha lill-kumpanija tal-parte civile. Dan ifisser għalhekk li l-istudenti setgħu facilment għaddew d-dettalji tagħhom lill-imputata fiz-zmien li għalih jirreferu l-akkuzi mingħajr mal-imputata kellha għalfejn tottjeni din l-informazzjoni hi. Konferma li dan seta' sewwasew seħħ jagħtih il-parte civile inniffsu permezz tad-dokumenti tac-change of motoring school li ġew esebiti. Minn dawn id-dokumenti jirrizultaw id-dettalji personali tal-istess studenti bl-indirizz u n-numru tat-telefon cellulari u l-firma tal-istess studenti fuq dawn id-dokumenti. Id-dokumenti kollha (b'eccezzjoni ta' seba' minnhom) huma datati kollha sbatax (17) ta' Awissu 2017 jew qabel u għalhekk ġew necessarjament kompilati f'din id-data jew qabel biex anke bdew jaslu għand Amri Mohammed erbat ijiem wara li l-imputata kienet telqet l-iskola tiegħu. Dan kollu aktar jkompli jsaħħaħ f'moħħ din il-Qorti l-fatt li l-imputata ma kellha bzonn taccessa l-ebda sistema biex hija tottjeni l-informazzjoni dwar l-istudenti ghax tali informazzjoni jew kienet ghandha diga jew inkella giet mgħoddija lilha mill-istudenti infushom li imlew ic-change of motoring school form. Tenut kont li kien hemm possibilitajiet oħra kif l-imputata setgħet akkwistat l-informazzjoni tal-

istudenti, ma setax jitqies li kien hemm presunzjoni tal-fatt li l-imputata akkwistat din l-informazzjoni billi accediet għas-sistema diġitali tal-kumpanija.

L-imputata qiegħda tigi akkuzata wkoll li kisret is-sub-inciz (c) u (f) tal-artikolu 337C (1). Tal-ewwel jitkellem dwar ikkuppjar ta' data għal medium ta' ħzin li ma jkunx dak li s-soltu jinzamm fih jew għall-imkien differenti u l-ieħor jitkellem dwar il-fatt li wieħed jieħu pussess ta' data jew jagħmel uzu minnha. La darba kif senjalat aktar qabel f'din is-sentenza l-imputata gia kellha l-informazzjoni fil-pussess taghha ghaliex kienet ġiet mgħoddija lilha mill-istudenti infushom u ma inġabet l-ebda prova li l-imputata kienet għamlet xi download ta' informazzjoni mis-sistema diġitali tal-iskola u għamlet uzu minn din l-informazzjoni li ġiet downloaded, din il-Qorti lanqas ma tista tasal biex issib xi htija fl-imputata għar-reati kontemplati f'dawn is-sub-incizi.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma kinux univoci u li ma jhallux dubbji f'moħħ din il-Qorti. Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tillibera lill-imputata mill-akkuzi dedotti fil-kofnront tagħha. Dan ovvjament mingħajr preġudizzju għall-kwalunkwe azzjoni civili spettannti lill-parte civile fil-konfront tal-imputata għal *soliciting* ta' studenti li seta' kien hemm.

**DECIDE:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti mhux qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-akkuzi dedotti fil-konfront tagħha u għalhekk qiegħda tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

____________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur